MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 440/2003

**Scicluna Lawrence**

**Vs**

**Farstone Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Frar, 2003 fejn l-attur talab is-socjeta’ attrici thallas is-somma ta’ Lm1,480 (elf, erbgha mija u tmenin lira maltin rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar dovuta mis-socjeta’ konvenuta lill-attur fuq xoghol li l-istess attur renda lis-socjeta’ konvenuta.**

**Ra r-risposta, fejn is-socjeta’ konvenuta qalet li t-talbiet attrici huma nfondati, fil-fatt u fid-dritt, dan, fost l-ohrajn ghaliex kull  somma li tista tkun dovuta lill-attur hija somom ferm inferjuri ghal dik mitluba.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**L-esponent qieghed jikkontesta l-ispejjes billi din il-kawza saret inutilment.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2003 fejn is-socjeta' konvenuta iddikjarat li hija debitrici fl-ammont ta' Lm650 (sitt mija u hamsin lira maltin.**

**Ra n-nota ta' induzzjoni ghall-ammont ta' Lm650 (sitt mija u hamsin lira maltin) prezentata fil-25 ta' Settembru, 2003.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici fis-somma ta' Lm650 (sitt mija u hamsin lira maltin), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------